

Brussell, 14 ta' Mejju 2018
(OR. en)

15383/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0319 (NLE)

COLAC 141
WTO 328

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,
tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika,
Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni
bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda,
u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra,
sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni
tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikoli 207 u 211, flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta'...(għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra¹ (il-'Ftehim Globali'), ġie ffirmat fit-8 ta' Diċembru 1997, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000.
- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Ftehim Globali għandha tiġi miftiehma permezz ta' protokoll għall-Ftehim Globali konkluż bejn il-Kunsill, li jkun qed jagħixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u l-Istati Uniti Messikani.

¹ ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.

- (3) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti Messikani bil-ħsieb li jiġi konkluż it-Tielet Protokoll Addizzjonali sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (il-'Protokoll'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ġie ffirmat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/...¹⁺ fi ...⁺⁺.
- (4) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/... ta' ...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 15380/17 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Protokoll li jinsab fid-dokument ST 15410/17

Artikolu 1

It-Tielet Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha¹.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 5(2) tal-Protokoll².

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L... flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.